# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 303/2015

**Il-Pulizija**

**Vs**

**John Farrugia**

Seduta tas-27 t'April, 2017

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, John Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 433661M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Bejn il-lejl ta' 12.12.2014 u 13.12.2014 ghall-habta ta' bejn 22:00hrs u 2:00am ezattament fi 23:30hrs fl-inhawi ta' Loretu, il-Gudja kien qed jonsob ghall-pluvieri, matul l-istagun maghluq ghall-insib tal-pluvieri u dan bi skur tar-Reg 18(1)(c) L.S. 504.71;

2. Talli ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bejn saghtejn wara nzul ix-xemx u saghtejn qabel tlugh ix-xemx

ghal-ghada filghodu, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur b'xi mezz, jew garr xi arma tan-nar li tkun ikkargata, jew barra l-ghata taghha u dan bi ksur ta' regolament 19(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

3. Akkuzat ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja jew pprova jikkaccja, ha jew pprova jiehu xi ghasfur billi juza jew kellu fil-pussess tieghu waqt attivita ta' kacca jew insib xi gass jew xi apparat elettriku jew elettroniku, specjalment l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur tar-Reg 7(1)(d), L.S. 504.71;

4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkaccja kellu fil-pussess tieghu bird caller u dan bi ksur tar-Reg 7(2), L.S. 504.71.

Il-Qorti kienet mitluba li barra li taghti l-piena skond il-ligi, tordna il-konfiska tal-oggetti esebiti u sospensjoni tal-licenzja.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' Mejju, 2015 li biha sabet lill-imputat hati u ikkundannatu multa ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2,400). Ordnat konfiska tal-oggetti ezebiti u sospensjoni tal-licenzja ghal sentejn.

Rat ir-rikors tal-appell ta' John Farrugia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Gunju, 2015 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jilmenta mis-sentenza appellata bil-gravami singolari li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti. Dan l-aggravju ghalhekk jehtieg ezami tal-provi sabiex din il-Qorti tiddeciedi jekk dik tal-ewwel grad setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal-konkluzzjoni li waslet ghalih;

2. Il-fatt saljenti u partikolari ta' dan il-kaz hu li ufficcjali tal-Administrative Law Enforcement Unit tal-Pulizija sabu lill-appellant rieqed f'kamra f'ghalqa ghall-habta tal-11 ta' filghaxija filwaqt illi kellu *bird caller* ghaddej. Dak il-fatt wahdu jidher li huwa palezi izda hemm divergenza tal-fatti kif rakkontati mill-prosekuzzjoni u mill-appellant minn hemm 'l quddiem;

3. Erba ufficcjali tal-Pulizija jghidu illi waqt li kienu mar-recint tal-ajruport setghu jisimghu daqq qawwi ta' *bird caller* u segwewh fit-tul sakemm waslu f'dura fejn hemm sabu mansab miftuh, ghasafar (Pluvieri) ma' dwaru, speakers u hbula tal-mansab diehlin gewwa kamra fejn hemm sabu lill-appellant rieqed. Huma qajjmu lill-appellant, talbuh il-*cassette player* u ttenta itihom wiehed msaddad izda wara insistenza taghhom tahom dak li deherilhom li kien qed jindaqq. Minn naha tieghu, l-appelant jghid illi wara li kien lesta mill-insib, dahhal il-pluvieri gewwa l-kamra, halla l-mansab miftuh izda msakkar bil-katnazzi biex ma jinqelibx, ossia biex ma jkunx jista' jinghalaq u jintrappola l-ghasafar. Jghid illi jaghmel hekk biex

il-klieb li jkollu mieghu ma jqattaghux ix-xbieki. Ir-raguni ghaliex kien rieqed hi li kien ghadu kemm issubixxa intervent f'ghajnejh u kien qed jiehu pilloli li jraqqdu;

4. L-appellant jghid illi mhux minnu li dak il-hin kien fid-dura u mhux minnu ukoll illi l-hbula tal-mansab kienu jikkonducu ghal-gewwa l-kamra. Din il-Qorti izda issibha difficli ferm temmen lill-appellant. L-Ufficcjali tal-Pulizija kollha kienu kategorici fix-xhieda taghhom, filwaqt illi l-appellant isib skuza ghal kull domanda li saritlu meta wera li dak li kien qed jghid ma kienx fih mis-sewwa. Kwantu d-daqq tal-*bird caller* jghid li l-buttuna tieghu inghafset meta dan kien fil-but waqt li rieqed; mistoqsi kif l-cassette player baqa' jdoqq dak il-hin kollu jghid illi dak jerga jibda wahdu; mistoqsi kif ma qajjmux il-hoss tal-ghasafar meta d-daqq amplifikat kien instema minn distanza twila tant li l-pulizija setghu isegwuha mit-triq jghid li mhux minnu. Jghid ukoll illi kien zarma kollox u nehha l-pluvieri mill-mansab meta l-Pulizija qalu li sabu l-pluvieri mdawwrin mal-mansab;

5. Jidher minn dan illi l-appellant raqad waqt li kien qed jonsob entro jew wara l-hinijiet legali. Huwa kien intercettat fil-11 ta' filghaxija meta l-hin legali kien jghalaq saghtejn wara inzul ix-xemx fl-4.48pm jigifieri fis-6.48pm, li jfisser li dam rieqed bid-daqq tal-*bird caller* dak il-hin kollu bil-cassette ghaddej wahdu. Wara kollox, ma ressaq l-ebda prova li kien qieghed taht kura ta' medicina li traqqdu;

6. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tiddisturba l-istess konkluzjoni.

7. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sospensjoni tal-licenzja tal-appellant ghal-perjodu ta' sentejn jibda' jiddekorri mill-lum.